**Meta żewġ simboli jiltaqgħu ġo forma waħda akustika ngħidu li huma omofoni. Uri permezz ta' eżempji xierqa liema huma dawk il-fatturi li jikkawżaw l-omofoni fil-Malti.**

L-omonimija hi meta żewġ simboli jew kelmiet li jkollhom tifsira differenti, maż-żmien, minħabba li l-lingwa tinbidel, jingħaqdu f'forma waħda. Meta s-simboli jkunu f'forma grafika ngħidu li jkollna żewġ omografi u meta s-simboli jkunu f'forma akustika ngħidu li jkollna żewġ omofoni. Għaldaqstant, iżewġ kelmiet ikunu omografi meta jinkitbu l-istess iżda jkollhom tifsira differenti. Min-naħa l-oħra, żewġ kelmiet ikunu omofoni meta jinstemgħu l-istess imma jfissru differenti. Mela nistgħu ngħidu li l-omonimija tista' tinħoloq (i) minħabba żviluppi fil-fonetika tal-lingwa, bħal ngħidu aħna, meta maż-żmien jintilfu xi ħsejjes u jidħlu oħrajn ġodda, kif ukoll (ii) minħabba żviluppi fis-sistema ortografika tal-lingwa. Dawn iż-żewġ proċessi seħħew ukoll fil-Malti.

Hemm diversi raġunijiet li minħabba fihom jinħolqu l-omofoni, dawn jinkludu:

- **a.** It-tendenza li għandu l-Malti li konsonanti f'tarf il-kelma minn imleħħna jġibha mniffsa.
- **b.** L-assimilazzjoni rigressiva.
- **c.** It-tlaqqigħ ta' kelma ta' nisel Semitiku ma' oħra ta' nisel Rumanz.
- **d.** L-għaqda fonoloġika.
- **e.** Il-proċess storiku li għadda minnu l-ilsien Malti bit-twaqqigħ ta' bosta ħsejjes mill-Għarbi.

a. L-ewwel raġuni titkellem dwar it-telf tal-ħoss tal-konsonanti meta din tkun f'tarf il-kelma. Dan il-fattur huwa pjuttost regolari fil-Malti u b'hekk jirriżulta f'ħoss differenti li jsir jixbah lil ħoss ta' kelma oħra u għalhekk jinħoloq par omofonu. Ngħidu aħna:

- **/bies/**- tista' tkun verb fil-perfett u tista' tfisser ukoll tajra tal-priża.

Minkejja li l-ħoss huwa l-istess, it-tifsira hija differenti

- **/qatt/**- tista' tfisser parti mill-ġisem ('qadd') u tista' tkun qed tirreferi wkoll għall-oppost ta' dejjem.

b. Il-fattur ta' l-assimilazzjoni rigressiva joħloq ukoll l-omofoni, għax meta f'kelma jkollna żewġ konsonanti ħdejn xulxin, u jkunu waħda mniffsa (ratba) u l-oħra imleħħna (qawwija) wara xulxin, il-ħoss tal-kelma jinbidel. Xi eżempji huma dawn:

- **/jigdbu/**- hawnhekk għandna ħoss wieħed li jimplika żewġ tifsiriet, waħda tista' tkun imperfett fit-tielet persuna plural mill-mamma "gideb" u l-oħra tista' tkun imperfett fit-tielet persuna plural mill-mamma "kiteb" (jiktbu).

- **/a:tsa/**- tista' tkun farrad waħdieni mill-verb "għodos"(għadsa), iżda tista' tfisser ukoll farrad waħdieni mill-verb "għatas" (għatsa).

ċ. Fattur ieħor li kkawża l-omofoni huwa kliem li daħal mir-Rumanz u l-Ingliż, ħafna snin wara li daħal il-kliem mill-Għarbi, kliem li għalkemm minn ilsna differenti, inzerta li kellu l-istess ħoss. Ezempji:

- **"ġurat"** (mis-Semitiku) tfisser insett.
- **"ġurat"** (mit-Taljan) tfisser membru tal-ġuri fil-qorti.

- **"morra"** (mis-Semitiku) tfisser il-maqlub ta' ħelu.
- **"morra"** (mit-Taljan) hija logħba illegali għax tintlgħab għall-flus, wieħed jipprova jaqta' kemm se jinfetħu swaba'.

- **"flett"** ż(mill-Ingliż) tfisser appartament.**"flett" (**mit-Taljan "filetto"**) tfiss**er biċċa laħam taċ-ċanga.

d. Xi kultant il-mod kif nitkellmu jikkawża wkoll l-omofoni. Dan jista' jseħħ meta wieħed jibda jitkellem u jew jibqa' għaddej jew inkella jagħmel pawża waqt it-taħdit tiegħu kif juru dawn l-eżempji:

- **/$^{1}$bla:dma/, /bla a:dma/ - "bl-għadma" ,"bla għadma"/**
  Tista' tieħu ħoss differenti jekk wieħed ma jagħmilx pawża bejn il-kliem. Wieħed jista' jifhem li inti l-oġġett tridu "bl-għadma".

- **/tar$^{1}$bija/, /ta;r bija / - "tarbija"/ "tar bija"**
  Jekk wieħed jagħmel pawża bejn "tar" u "bija" l-ħoss tal-kelma u anke t-tifsira ser jinbidlu.

- **/marsal$^{1}$forn/, /ma:r sal forn/ - "Marsalforn", "mar sal-forn"**
  Jekk ma tagħmilx pawża tfisser li qed tirreferi għall-post "Marsalforn" iżda jekk tagħmel pawża tiġi tfisser li eżempju xi ħadd "mar sal-forn".

L-ambigwità fl-għaqda fonoloġika tinħoloq mhux biss waqt id-diskors mgħaġġel minħabba li ma jkunx hemm pawża bejn il-kliem iżda wkoll minħabba li l-vokali jinħatfu.

e. Ċerti omofoni nħolqu wkoll bit-telfien ta' ċerti ħsejjes mill-Għarbi fil-Malti Per eżempju, fl-Għarbi għandhom tliet ħsejjes differenti għall- "ħ" filwaqt li dawn il-ħsejjes fil-Malti amalgamaw ruħhom f'ħoss wieħed Dan ġara wkoll fil-każ tal-ħoss tat-"t" kif jidher hawn taħt.

ت

ث

خ

ظ

ح
خ
ه
→ ħ

Eżempju: fl-Għarbi hemm distinzjoni fil-ħoss tal-"ħ" fil-kelmiet "sħab" ngħidu aħna "tax-xogħol" u "sħab" tas-sema; fil-Malti l-ħoss sar l-istess.

Il-lingwa taċċetta ħafna omofonija ġewwa fiha, u dan għaliex għandha bosta salvagwardji biex jassiguraw li l-messaġġ jasal għand min jirċivih b'mod li jinftiehem tajjeb. Il-lingwa tittollera l-omofonija sakemm il-kelma ma toħloqx ambigwità. Meta tinħoloq ambigwità bejn żewġ omofoni jista' jagħti l-każ li titwaqqa' kelma mill-par.

Dawn huma fatturi li jikkawżaw l-omofoni fil-Malti. Dawn il-fatturi huma eżempju ħaj ta' kemm ilsienna huwa lsien flessibbli u dinamiku.

---

**Rebecca Cachia**
Studenta tat-Tieni Sena – Avvanzat
April 2008

Ħajr lis-Sur George Farrugia